MALTA

QORTI CIVILI
PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF
ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 418/2008

William sive Willie Grech u Anna Grech

Vs

Awtorita ghat-Trasport f'Malta, Prim'Ministru ta' Malta u Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjonijiet

Rikors guramentat.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-25 ta' April 2008, l-atturi ppremettew:

1. Illi fis-27 t'Ottubru 2007, l-esponenti xtraw bl-internet f'irkant pubbliku internazzjonali vettura *second hand* tat-tip Land Rover Freelander mudell TD4 GS manifatturata fl-2002, registata fir-Renju Unit, bin-numru ta' registrazzjoni Y 002 OVT, bil-prezz ta' £4,950 ekwivalenti ghal €3,693.69 (tlett elef, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u disgha u sittin centezmu) [1];

2. Illi l-esponent William sive Willie Grech tela' personalment l-Ingilterra biex jiffinalizza din it-transazzjoni u saq l-imsemmija vettura mill-Ingilterra sa Malta;

3. Illi minkejja li din il-vettura kienet diga' registrata f'pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea, u t-taxxa tar-registrazzjoni u t-taxxi l-ohra dovuti fuqha kienu diga' mhallsa, l-intimata Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta talbet li l-esponenti jikkonsenjawlha n-numri ta' registrazzjoni u l-*logbook* li kellha din il-vettura;

4. Illi inoltre, sabiex ikunu jistghu juzaw din il-vettura f'Malta, l-esponenti gew mitluba mill-istess awtorita' jirregistraw il-vettura mill-gdid u jhallsu taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fis-somma ta' LM4,200 (ekwivalenti ghal €9,783.37), u taxxa fuq il-valur mizjud fuq din it-taxxa fl-ammont ta' LM756 (ekwivalenti ghal €1,761), ammontanti flimkien ghal LM4956, ekwivalenti ghal €11,544.37 (hdax-il elf, hames mija u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu);

5. Illi fil-21 ta' Dicembru 2007, l-esponenti hallsu taht protest lill-istess awtorita' intimata l-ammont mitlub, u rrizervaw id-drittijiet taghhom fil-ligi ghar-rifuzjoni ta' dan il-hlas. Inoltre, huma talbu li jinghataw lura r-*registration plates* u l-*logbook* originali;

6. Illi t-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni tal-vettura msemmija mitluba mill-awtorita' skond kif stipulata fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar it-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta), u mhallsa

[1] Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2011 id-difensur tal-atturi ddikjarat li s-somma ghandha taqra €6,211.

mill-esponenti kif fuq inghad, hija illegali u abbuziva u tmur kontra d-dritt tal-Unjoni Ewropea;

7. Illi inoltre, in kwantu talbet minghand l-esponenti l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq din it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni, l-agir tal-awtorita' intimata huwa wkoll illegali u abbuziv.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u previa kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

i. tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta kisret l-artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Kommunita' Ewropea meta ezigiet il-hlas tat-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni, komputata kif fuq inghad, sabiex l-imsemmija vettura Land Rover Freelander tigi registata f'Malta.
ii. konsegwentement tiddikjara li d-decizjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni hija nulla, invalida u bla effett in kwantu tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Kommunita' Ewropea.
iii. tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta kisret il-ligi wkoll meta ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ta' registrazzjoni.
iv. konsegwentement tiddikjara li d-decizjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta li biha ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni hija nulla, invalida u bla effett.
v. konsegwentement, tikkundanna lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex tirrifondi lill-esponenti l-ammont imhallas minnhom illegalment kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-13 ta' Frar, 2008, u bl-imghax legali kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

<u>Risposta ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta.</u>

1. Illi preliminarjament l-Awtorita konvenuta tecepixxi illi kemm il-darba l-atturi qed jikkontestaw it-taxxa tal-Valur Mizjud (VAT), ghandu jigi kjamat fil-kawza d-Dipartiment tal-Valur Mizjud stante illi l-awtorita' konvenuta m' ghandha l-ebda responsabbilta' jew/u poter illi tistabilixxi rati ta' VAT.
2. Illi minghajr pregudizzju, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta ma kisritx l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea meta talbet il-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni, kif ser jigi muri aktar car matul il-kawza.
3. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi t-taxxa ta' registrazzjoni stabbilita ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta ma tmurx kontra l-Artikolu 90 tat-trattat ta' l-Unjoni Ewropea;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-awtorita' konvenuta tirrileva illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi, fl-Ingilterra ma tezisti l-ebda taxxa ta' registrazzjoni stante illi fir-Renju Unit juzaw sistema li ma tinkludix fiha taxxa tar-registrazzjoni izda sistema bbazata fuq il-livelli ta' l-emissjonijiet tal-vettura li tkun ser tigi registrata;
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet, r-raba' u l-hames talba ghandhom ilkoll jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Awtorita' ma kisret l-ebda ligi meta talbet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mzjud stante illi l-awtorita' tigbor dawn il-flejjes ghan-nom tad-Dipartiment tal-VAT u ghaldaqstant l-istess awtorita' hija marbuta sabiex tigbor dawk it-taxxi skond il-ligi li jkun hemm fis-sehh fil-gurnata tar-registrazzjoni. F' dan il-kaz l-awtorita' mxiet ai termini ta' klawsola 12 ta' skeda 7 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Risposta guramentata tal-Prim Ministru et.

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-rikors guramentat in risposta huwa null billi sar kontra d-detentur ta' kariga inezistenti in kwantu fil-kabinett appuntat fit- 12 ta' Marzu 2008, u cioe' qabel ma gie pprezentat ir-rikors promutur, ma gie appuntat l-ebda Ministru ghall-izvilupp Urban u t-Toroq;

Illi se mai, u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, kellu jigi mharrek il-Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali li huwa nkarigat mill-materja in kwistjoni;

Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari, t-talbiet li saru fir-rikors guramentat in risposta mhumiex fil-konfront tal-esponenti u ghaldaqstant ir-rikors huwa affett mill-incertezza u n-nuqqas ta' kjarezza rigward dak illi ghalih l-esponenti huma tenuti li jwiegbu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :

1. Illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita' Ewropea hekk kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta;

2. Illi peress illi t-taxxa ta' registrazzjoni mhix suggetta ghall-armonizzazzjoni, l-istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej huma hielsa li jezercitaw il-Kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi;
3. Illi fil-fatt, il-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja qatt ma kkontestat id-dritt ta' Stat Membru illi jimponi taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi u lanqas qatt ma intromettiet ruhha dwar l-ammont ta' taxxa mposta;
4. Illi t-taxxa ta' registrazzjoni Maltija fuq vetturi uzati mhix illegali u abbuziva kif qed jigi allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta stante li mhux qed tigi mposta, direttament jew indirettament, l-ebda taxxa ohra fuq prodotti ta' Stati Membri ohrajn oltre dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti simili lokali. Malta m'ghandiex manifattura domestika ta' vetturi u ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur ta' l-imsemmi Artikolu 90;
5. Illi ghar-ragunijiet suesposti d-decizjoni ta' l-Awtorita' dwar it-trasport ta' Malta li biha stabbiliet it-Taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fuq il-vettura partikolari in kwistjoni kienet gusta skond il-ligi ta' Malta u tal-Komunita' Ewropea;

6. Illi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-esponenti fl-ewwel lok jirrilevaw li r-rikorrenti m'humiex jispecifikaw liema ligi qeghda tigi allegatament miksura mill-esponenti fil-kalkolu tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u in oltre jirrilevaw illi d-dazju ta' registrazzjoni Malti hu direttament marbut ma' l-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi inkluz fl-ammont ta' l-akkwist li fuqu tithallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kuntest tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
7. Illi konsegwentement id-decizjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta li biha ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur Mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni kienet gusta u skond l-ligi ta' Malta u tal-Komunita' Ewropea;

Il-qorti rat l-atti kollha.

Konsiderazzjonijiet.

1. Il-kawza titratta dwar talba ghar-rifuzjoni ta' hlas li l-atturi ghamlu sabiex idahhlu u jaghmlu uzu f'Malta minn vettura second hand Land Rover Freelander bin-numru Y 002 OVT li nxtrat f'irkant li sar permezz tal-Ebay. Vettura li giet importata mill-Ingilterra. F'Malta l-atturi hallsu s-somma ta' Lm4,956, in kwantu ghal Lm4,200 taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni u Lm756 Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Hlas li sar biex ikunu jistghu jiehdu l-vettura[2].
2. L-atturi jsostnu li l-hlas li sar lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta jikser l-Artikolu 90 tat-Trattatat dwar il-Komunita' Ewropea[3] li jipprovdi:-

"No Member State shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products.

Furthermore, no Member State shall impose on the products of other Member States any internal taxation of

[2] F'ittra datata 21 ta' Dicembru 2007 l-attur ghamilha cara li qieghed ihallas l-ammont mitlub *"....on protest to enable me to make use of the vehicle and am reserving all my rights at law to reclaim the said amount."* (fol. 8).
[3] Illum Artikolu 110 tat-*Treaty of the Functioning of the European Union* (TFEU).

such a nature as to afford indirect protection to other products.”.

3. Il-qorti ser tibda biex tiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari:-

(a) **L-ewwel eccezzjoni tal-Prim’Ministru et**[4]:- l-eccezzjoni giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata fid-digriet tas-27 ta’ Jannar 2009.

(b) **It-Tieni Eccezzjoni tal-Prim’Ministru et**:- minn qari tar-rikors guramentat hu car li l-atturi qeghdin jikkontestaw l-agir tal-Awtorita tat-Trasport f’Malta meta talbet u gabret minghand l-atturi taxxa ta’ registrazzjoni u VAT fuq dik it-taxxa. Fil-fatt it-talbiet fir-rikors guramentat saru kollha fil-konfront tal-Awtorita ghat-Trasport f’Malta. Fil-fehma tal-qorti ma kienx hemm xi htiega li l-konvenuti l-ohra jkunu parti fil-kawza ghal finijiet ta’ integrita tal-gudizzju. Ghaldaqstant ser tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

(c) **L-ewwel Eccezzjoni tal-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta**[5]: mill-atti jidher li qatt ma nghata digriet b’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni. F’kull kaz il-qorti m’hijiex tal-fehma li kellu jissejjah fil-kawza d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-VAT. Il-hlas sar lill-Awtorita u jekk hemm xi rifuzjoni li ghandha tinghata lill-atturi, din trid issir mill-istess Awtorita konvenuta. Fil-kors tal-proceduri xehed ukoll ir-rapprezentant tad-Dipartiment u l-Awtorita konvenuta stess tat ir-raguni ghalfejn kienet tigbor il-VAT.

4. L-ghan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tat-Trattat inghad li hu:-

“..... as the Court has consistently held (see most recently the judgment in Case 252/86 Bergandi v Directeur general des imports (1988) ECR 1343) that the aim of Article 95 as a whole is to ensure free movement of goods between the Member States in normal conditions of competition by the elimination of all forms of protection which may result from the application of internal taxation that discriminates

[4] Fol. 22.
[5] Fol. 19.

against products from other Member States. This Article 95 must guarantee the complete neutrality of internal taxation as regards competition between domestic products and imported products." (**Commission v Denmark** – C-47/1988)[6].

Fl-istess sentenza jinghad:-

"A product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market. ***Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products. Article 95[7] therefore applies to the registration duty charged on the importation of used cars."***.

Ghalhekk ma tregix it-tezi tal-konvenuti li l-Artikolu 90 ma japplikax ghall-kaz ta' vetturi peress li l-vetturi godda u wzati li hawn fis-suq *"huma ta' origini barranija."*[8].

Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti ddikjaraw li t-taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi *second hand* impurtati kienet *"....imposta principalment ghal ragunijiet ambjentali u mhux biex jigenera qliegh."*, fl-atti m'hemmx l-icken prova ta' dan. Irrispettivament ta' x'setghet kienet ir-raguni, xorta jrid jigi kkunsidrat jekk bil-gbir tat-taxxa ta' registrazzjoni sehhx ksur tal-Artikolu 90.

5. Kif kienet il-ligi fi zmien li giet importata din il-vettura *second hand*, fuq dik it-tip ta' vettura kellha tithallas taxxa ta' registrazzjoni ta' 65% tal-valur u **mhux inqas minn Lm4,200**[9]. Ghal finijiet tal-valur tal-vettura li fuqha tinhadem it-taxxa ta' registrazzjoni fil-kaz ta' vetturi *second hand*, Brian Farrugia[10] spjega li dan isir a bazi ta'

---

[6] 11 ta' Dicembru 1990.
[7] Wara sar Artikolu 90 u mbaghad Artikolu 110.
[8] Fol. 142. Ara wkoll paragrafu numru 4 tat-twegiba guramentata a fol. 24.

[9] Ara L-Ewwel Skeda tal-Kap. 368 qabel l-emendi ntrodotti fl-1 ta' Jannar 2009. Illum l-istima tal-valur tal-vettura mportata ssir billi *"depreciating the manufacturer's invoice value and also, where applicable, the insurance and freight of such motor vehicle imported or brought into Malta as new or manufactured in Malta to the current Maltese market value."*. L-importatur ghandu l-mezz kif jikkalkola minn qabel kemm ser tigi taxxa ta' registrazzjoni.
[10] Legal Officer mal-Awtorita konvenuta.

"UK Glass book", fejn jittiehdu in konsiderazzjoni d-data ta' manifattura, daqs tal-magna u accessorji li ghandha l-vettura[11]. Minn dak li qal ix-xhud il-qorti tifhem li jqiesu wkoll il-marka tal-vettura u l-mudell. M'huwiex car jekk kienx jittiehed in konsiderazzjoni l-kilometragg, ghalkemm fl-applikazzjoni ghall-istima li kien ghamel l-attur jissemmew 60,000 mil. L-Awtorita konvenuta stmat il-vettura li tiswa Lm3,053, li jfisser taxxa ta' Lm1,984. Madankollu t-taxxa li kellha tithallas kienet ta' Lm4,200 minhabba li l-ligi kienet tipprovdi ghall-minimu ta' taxxa pagabbli irrispettivament mill-valur tal-vettura. Fuq it-taxxa l-Awtorita kienet tezigi hlas tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (18%). Min-naha l-ohra vettura gdida tal-istess tip u mportata f'Malta kienet soggetta ghal taxxa ta' 65% fuq il-prezz. Fuq vetturi *second hand* li diga' jinsabu fis-suq lokali, meta jsir bejgh ma tithallasx taxxa.

6. Fil-kaz *Commisson v Denmark*, il-Qorti osservat:-

"Accordingly, even if it appears that by reason of the very large amount of tax levied on new cars the portion of the duty still incorporated in the value of the vehicle is written off more slowly in Denmark than in other Member States which levy a lower duty, that does not prevent the levying of a registration duty for which the basis of assessment is at least 90% of the value of the car when new from constituting generally over-taxation of the vehicles in comparison with the residual registration duty in the case of previously registered used cars bought on the Danis market, whatever their age or condition.". Fid-Danimarka

---

[11] Fil-kaz 393/***98 Minister Pubico Antonio Gomes Valente vs Fazenda Publica*** (22 ta' Frar 2001) il-Qorti Ewropea ddikajrat: *"It does, not however, follow from the case-law cited in paragraphs 21 to 23 of this judgment that the actual depreciation of the vehicles cannot be taken into account otherwise than by means of an assessment or expert examinatino of each of them. Avoiding the administrative burden inherent in such a system, a Member State might be able to establish, by means of fixed scales determined by statute, regulation or administrative provision and calculated on the basis of criteria such as a vehilcle's age, kilometrage, general conditon, method of propulsion, make or model, a value for second-hand vehicles which, as a general rule, would be very close to their actual value.* ***<u>In drawing up those scales, the authorities of a Member State might refer to a guide indicating the average prices of second-hand vehicles in the national market or to a list of average current prices used as a reference in the sector</u>***" (enfazi tal-qorti).

vettura *second hand* li kienet tkun ilha registrata iktar minn sitt xhur kienet soggetta ghal taxxa ta' 90% fuq il-valur tal-vettura meta kienet gdida.

F'sentenza ohra fil-kaz ***Commission v Hellenic Republic*** (C-375/95)[12] il-Qorti osservat li s-sistema ta' vetturi ghandha tassigura li:-

"the taxable value imputed to the imported second-hand vehicle by the revenue authorities (......) faithfully reflect(s) the value of a similar second-hand vehicle already registered on the domestic market.".

Bazikament il-principju li johrog mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hu li t-taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura li ghandha tant snin m'ghandix teccedi l-ammont ta' taxxa (***residual tax***) li jkun inkluz fil-valur ta' vettura simili fis-suq lokali li tkun ilha registrata lokalment ghall-istess snin.

Fil-fehma tal-qorti l-imposizzjoni ta' ammont ta' Lm4,200 bhala taxxa minima ta' registrazzjoni fil-kaz ta' vetturi *second hand* b'magna b'kapacita' ta' bejn 1800cc u mhux iktar minn 2000cc u impurtati f'Malta, irrispettivament mit-taxxa li kellha tithallas bhala persentagg tal-valur *ad valorem* skond l-stima li taghmel l-Awtorita, hu bizzejjed biex jigi ddikjarat li l-ligi Maltija kellha effett li tiddiskrimina fir-rigward ta' vetturi *second hand* li jigu mpurtati minn pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea. Bizzejjed li wiehed jiftakar li f'dan il-kaz l-istima tal-valur tal-vettura li ghamlet l-Awtorita kienet ta' Lm3,053 u l-attur intalab li jhallas taxxa ta' registrazzjoni ta' Lm4,200, cjoe' Lm1,147 iktar milli tiswa l-vettura. Ghalhekk l-imposizzjoni fuq l-importatur ta' taxxa minima ta' Lm4,200 irrispettivament tal-valur tal-vettura, kien imur kontra l-obbligu li jimponi l-Artikolu 90. M'hemmx dubju li taxxa ta' registrazzjoni ta' Lm4,200 fuq vettura li giet stamata li tiswa Lm3,053 ifisser li t-taxxa teccedi dik li tissejjah bhala "residual tax" inkorporata fil-valur ta' vetturi simili li huma diga' registrati f'Malta. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Maciej Brzezinski vs Dyrektor**

---

[12] (1997) ECR I-5981.

Izby Celnej w Warszawie (C-313/05) tat-18 ta’ Jannar 2007:

*“40 It is settled law that a system of taxation may be considered compatible with Article 90 EC only if it is so arranged as to **exclude any possibility of imported products being taxed more heavily than similar domestic products**, so that it cannot in any event have discriminatory effect (Haahr Petroleum, paragraph 34, and Case C-375/95 Commission v Greece [1996] ECR I-5981, paragraph 29).*

41. It follows from the foregoing considerations that the answer to the second and third questions referred must be that the first paragraph of Article 90 EC is to be interpreted as meaning that it precludes an excise duty, in so far as the amount of the duty imposed on second-hand vehicles over two years old acquired in a Member State other than that which introduced such a duty exceeds the residual amount of the same duty incorporated into the market value of similar vehicles already registered in the Member State which introduced that duty ”. Il-qorti kompliet li l-ezami dwar jekk il-ligi in kwistjoni kellix tali effett kellu jsir mill-qorti tal-Istat Membru[13].

Hu altru milli evidenti li l-ligi kif kienet f’Malta kienet qeghda twassal biex ikun hemm kazijiet fejn vetturi *second hand* importati minn Stati Membri ohra kienu qeghdin jigu ntaxxati hafna iktar minn dak li l-Qorti Ewroepa tirreferi ghalih bhala *“residual tax”* fuq vetturi li jkunu diga’ jinsabu fis-suq lokali u tkun thallsitilhom it-taxxa tar-registrazzjoni. Il-Gvern Malti stess ha l-passi biex jintroduci sistema gdida[14]. Sahansitra bl-Att VI tal-2009 nghatat l-opportunita lil dawk li rregistraw vettura mal-Awtorita fil-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 2008 u l-31 ta’ Dicembru 2008 biex jaghmlu talba mal-Awtorita *“......biex tingħata kreditu, meta ġġib prova li tħallset taxxa ta’ reġistrazzjoni żejda fuq l-imsemmija vettura meta paragunata ma’ dak li kellu jitħallas fuq l-istess vettura bil-*

[13] Il-Polonja.
[14] Dan wara li l-Kummissjoni kienet bdiet *infringement procedure* kontra Malta fir-rigward tal-taxxa ta’ registrazzjoni (riferenza numru 2005/4534).

mutur li kieku ddaħħlet jew ġiet manifatturata f'Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2009." (Artikolu 24[3]). Ligi li sfortunatament jidher li ma pprovdietx ghal min bhal attur kien gab vetturi qabel l-2008.

7. Ghalkemm il-ligi Maltija kienet tistabilixxi taxxa minima ta' Lm4,200 fuq it-tip ta' vettura li gabu l-atturi, dak l-ammont kien qieghed jikser il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea in kwatu mhux kompatibbli mal-Artikolu 90 tat-Trattat. L-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi:-

"(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

(2) Kull disposizzjoni ta' ligi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi infurzata.".

Ghaldaqstant, il-hlas ta' €9,783 bhala minimu ta' taxxa ta' registrazzjoni ma messha qatt kienet qeghda tigi infurzata ghaliex inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat.

Fic-cirkostanzi l-qorti ser tiddeciedi li l-Awtorita' konvenuta ghandha thallas lura t-taxxa ta' registrazzjoni zejda mhallsa mill-atturi[15], cjoe':-

---

[15] Il-Qorti Ewropea osservat: *"According to well-established case-law, the right to a refund of charges levied in a Member State in breach of rules of Community law is the consequence and complement of the rights conferred on individuals by Community provisions as interpreted by the Court.....The Member State is therefore required in principle to repay charges levied in breach of Community Law (Joined Cases C-192/95 to C-218/95 Comateb and Others [1997] ECR I-165, paragraph 20, Dilexport, cited above, paragraph 23, and Michailidis, cited above, paragraph 30)."* (***Metallgesellschaft Ltd and Others et vs Commissioners of Inland Revenue et*** (Joined Cases C-397/98 and C-410/98), deciza fit-8 ta' Marzu 2001.

€9,783.36 (Lm4,200)[16] - €4,622.52 (Lm1,984.45)[17] = €5,160.84 (**Lm2,215.55)[18]**.

8. Ghal dak li jirrigwarda hlas ta' Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, jirrizulta li l-attur hallas 18% tat-taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura. Dan ifisser li kellu jhallas taxxa fuq it-taxxa ta' registrazzjoni. Fil-fatt fir-ricevuta tal-hlas li l-Awtorita konvenuta tat lil Grech, jinghad ***"Vat on Reg. Tax to Pay (Lm).......756 (VAT @ 18%)"[19]***.

Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru xehed Charles Vella, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, li qal:-

"Qorti: Qed nurik id-dokument li ghandi a fol. 50 hawnhekk, il-parti t'isfel tieghu partikolarment fejn hawn miktub summary u registration tax to pay dak iz-zmien kien liri maltin Lm4,200 imbaghad VAT on registration tax to pay at 18% Lm756.

Xhud: Ghandi nifhem li dan huwa dokument mahrug mill-ADT hux hekk ? Huwa car hawnhekk li hawn il-VAT fuq ir-registration tax imma jiena nghid li din it-transaction it is not a transaction in the scope of VAT.

Qorti: Jigifieri nzammet hazin l-VAT qed tghidli fil-fehma tieghek.

Xhud: ***La it's not a transaction in the scope of VAT u li ma tikkonfigurax taht l-artikolu 4 ma kellhiex tingabar VAT."[20]***.

---

[16] Taxxa ta' registrazzjoni mhallsa mill-atturi.

[17] Taxxa ta' registrazzjoni ta' 65% fuq l-istima ta' Lm3,053 li ghamlet l-Awtorita konvenuta fuq il-vettura.

[18] L-atturi jaccettaw li ghandha tithallas taxxa ta' registrazzjoni tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet qalu: *"L-Awtorita', u l-intimati l-ohra Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq u l-Prim'Ministru agixxew illegalment meta, minflok it-taxxa dovuta ta' €1984.45 ezigew u rcevew minghand l-esponenti hlas fis-somma ta' €9783.37 in linea ta' taxxa tal-ewwel registrazzjoni. Li jfisser dan li l-esponent hallas zejjed lill-Awtorita' l-intimata s-somma ta' €7798.92, u ghalhekk ghandu jedd ghar-rifuzjoni ta' din is-somma, bl-imghaxijiet."* (fol. 131). L-izball li hadu l-atturi hu li s-somma ta' 1984.45 hi liri Maltin (Lm3,053 x 65% = Lm1984.45).

[19] Fol. 50.

[20] Fol. 103.

Minn qari tal-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406)[21] hu altru milli evidenti li meta persuna ddahhal f'Malta vettura *second hand* li tkun xtrat minn Stat Membru iehor ghall-uzu personali taghha, m'huwiex dovut hlas ta' VAT fuq il-vettura. Fatt li ddikjara Charles Vella stess meta xehed fit-30 ta' Novembru 2010 li kompla jghid:-

".....jiena nifhem ghal skopijiet ta' VAT illi r-registration tax ma taqa' la hija provista ta' oggetti jew servizz, la hija akkwist intrakomunitarju u lanqas hija akkwist ta' mezz ta' trasport gdid ghax intom ghidtu li huwa second hand u lanqas hija mportazzjoni ghax gejja minn pajjiz ta' l-Unjoni Ewropea stess. Ir-registrazzjoni per se wehidha b'differenza minn cirkostanzi ohra ghax per ezempju meta tkun new means of transport ic-cirkostanzi jinbidlu, f'cirkostanzi bhal dawn tax m'hijiex supply in the scope of VAT."[22].

Pero meta mbaghad xehed fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2010, biddel il-verzjoni u qal li wara li kkonsulta ma' James Farrugia, li kien ghamel zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur fid-Dipartiment tal-VAT, irrizulta li t-taxxa kienet qeghda tinzamm fuq it-taxxa ta' registrazzjoni biex jigi evitat ***"distortion of competition."***. Il-konvenuti qeghdin jibbazaw ruhhom fuq din it-tezi bhala r-raguni ghalfejn il-VAT imhallas mill-atturi m'ghandux jithallas lura. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw qalu[23]:

".....minn naha wahda hemm konsumatur li qed jixtri vettura personalment minghand l-agent fir-Renju Unit u minn naha l-ohra agent Malti li qieghed jixtri l-istess vettura minghand l-agent fir-Renju Unit. F'kaz li konsumatur jixtri vettura minghand agent Malta li jkun xtara dik il-vettura minn agent gewwa r-Renju Unit, il-prezz tal-vettura ikun jinkludi it-taxxa tar-registrazzjoni u t-taxxa fuq il-valur mizjud fuqha li tkun thallset mill-agent Malti. Isegwi li jekk l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta ma tintaxxa it-taxxa fuq il-valur mizjud meta konsumatur

[21] Ara wkoll l-Artikolu 2 u Tieni Skeda tal-istess Att.
[22] Fol. 102.
[23] Ara paragrafi 12 sa 14 tan-nota.

jakkwista vettura direttament minghand l-agent fir-Renju Unit, jinholoq distortion of competition."[24].

L-Artikolu 5(3) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jipprovdi li persuna taxxabbli hi persuna li tezercita attivita ekonomika, li hi mfissra fl-istess provvediment. L-istess provvediment jipprovdi wkoll li:-

"(3) L-attivitajiet ta' awtorità pubblika li tkun qieghda tagixxi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet lilha assenjati bil-ligi ma ghandhomx jitqiesu li jkunu attivitajiet ekonomici hlief meta u sa dak il-limitu kif hemm provdut fl-Ewwel Skeda u hlief meta dak it-trattament bhala persuni mhux taxxabbli ikun iwassal ghal tghawwig sinifikanti fil-kompetizzjoni."[25].

L-attivita tal-Awtorita konvenuta li tigbor ir-registrazzjoni tat-taxxa m'hijiex wahda mill-attivitajiet elenkati fl-Ewwel Skeda. Ghal dak li jirrigwarda t-tezi li l-VAT kien jintalab biex jigi evitat *"tghawwig sinifikanti fil-kompetizzjoni"*, il-qorti m'hijiex tifhem il-provvediment bil-mod kif spjega Charles Vella fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2010. I l-ligi qeghda tipprovdi ghal sitwazzjoni fejn hemm certu attivitajiet li jsiru mis-settur pubbliku u dak privat, u jekk titratta z-zewg setturi b'mod differenti jkun hemm ir-riskju li titnaqqas il-kompetizzjoni bejn iz-zewg setturi u jista' jwassal ghal tnaqqis ta' efficjenza ekonomika. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li dan il-provvediment qieghed jikkontempla l-kaz ta' kompetizzjoni bejn kumpanniji privati. Per ezempju hemm Stati Membri fejn problema simili qamet fil-qasam tal-*waste management*, fir-rigward ta' hlas ta' VAT fis-settur pubbliku u privat. Jinghad li jkollok tghawwig fil-kompetizzjoni jekk l-awtorita pubblika ma tigborx VAT minghand il-klijenti taghha filwaqt li l-kumpannija privata peress li *"persuna taxxabbli"* u qeghda twettaq attivita pubblika ghandha dmir legali li tigbor VAT minghand il-klijenti. B'dan il-mod il-privat ma jkunx kompetittiv daqs l-awtorita pubblika. Ghaldaqstant, il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-Artikolu 5(3) tal-Att dwar it-Taxxa

[24] Ara wkoll flowchart li pprezenta x-xhud (Dok. CV1 a fol. 115).
[25] Dan hu l-provvediment li Charles Vella ghamel riferenza ghalih fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2010 biex jiggusitifika r-raguni ghalfejn l-awtorita konvenuta kienet qeghda titlob hlas ta' VAT fuq it-taxxa ta' registrazzjoni tal-vetturi (ara fol. 112).

Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) ghandu jservi bhala ghodda biex il-Gvern jassigura li ma jkunx hemm *"significant distortions in competition"* bejn kompetituri fis-settur privat.

Ghalkemm fit-twegiba guramentata l-Awtorita konvenuta ddikjarat li gabret il-VAT skond klawsola 12 ta' Skeda 7 tal-Kap. 406, fil-kors tal-proceduri kollha ma spjegatx kif dak il-paragrafu japplika ghal dan il-kaz. Fil-fehma tal-qorti dak il-paragrafu ma jista qatt japplika ghaliex dan il-kaz m'huwiex dwar *"importazzjoni"* skond it-tifsira moghtija fl-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud[26].

Il-konvenuti ma ghamlu l-ebda argument iehor li a bazi tieghu jipprova jiggustifikaw il-hlas ta' VAT fuq it-taxxa ta' registrazzjoni ta' vetturi *second hand* importati minn Stat Membri tal-Unjoni Ewropea. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Awtorita ghandha thallas lura l-VAT li rceviet minghand l-attur, cjoe' €1,761 (Lm756).

9. Fl-ahharnett il-qorti hi tal-fehma li t-talba ghall-imghax hi wkoll gustifikata. Meqjus dak li nghad hawn fuq, id-decizjoni tal-Awtorita konvenuta certament li ma kenitx ragonevoli u dan ma kienx kaz fejn *"...azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra."* (Artikolu 469(5) tal-Kap. 12).

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Onorevoli Prim' Ministru u Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjonijiet u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-atturi.

2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta l-ohra u tilqa' t-talbiet tal-atturi b'dan li ghal finijiet tal-hames talba tikkundanna lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef disgha

[26] Ara wkoll deposizzjoni ta' Charles Vella li kkonferma li gialadarba l-vettura ngiebet minn Stat membru, m'huwiex kaz ta' importazzjoni skond it-tifsira li nsibu fil-Kap. 406.

mija u wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,921.84). Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-protest gudizzjarju tat-13 ta' Frar 2008 u spejjez a karigu tal-istess Awtorita[27].

< Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[27] Artikolu 1047 tal-Kodici Civili (ara sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) Imhallef R. Pace fil-kaz **Fleur Balzan vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta et**, 29 ta' Marzu 2012).